MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 862/1997/1

**Ray Camilleri Marble Works Limited**

**vs**

**Philip Bowd u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 1997 Ronnie Gauci kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Novembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 t'April ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti, quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in liena ta' danni li sofriet l-istess socjeta' attrici b'rizultat ta' xoghol hazin ta' tqeghid ta' granit li pogga fid-Daewoo Showroom, Imdina Road, Qormi u liema xoghol kien gie nkarigat jghamel skond is-sengha u l-arti mis-socjeta' attrici;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali;

3. Ingunt minn issa in subizzjoni;

Illi ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux is-seba' mitt Lira Maltin, (LM700.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut Philip Bowd eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma kkaguna l-ebda dani lis-socjeta' attrici, u la kellu xi nkarigu u wisq anqas esegwixxa xi nkarigu fuq struzzjonijiet tas-socjeta' attrici;

2. Illi l-istess xoghol gie esegwit minn certu Ronnie Gauci li ghalhekk qed jigi formalment mitlub lil din l-Onorabbli Qorti li jigi kkjamat fil-kawza sabiex jirrispondi hu ghat-talbiet attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tal-kjamat in kawza Ronnie Gauci datat il-5 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz tar-rapprezentant legali tieghu eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta peress illi ghaddew sentejn mill-assun tal-atturi;

2. Bl-pregudizzju ghas-suespost ix-xogholijiet esegwiti minnu saru skond is-sena u l-arti u f'kaz ta' nuqqas huma l-kontendenti l-ohra jew min minnhom;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti nkluza r-relazzjoni peritali;

Ikkonsidrat:

Illi preliminarjament jinghad li ghalkemm il-kjamat in kawza eccepixxa l-preskrizzjoni dan il-kwezit bl-ebda mod ma jidher li gie indirizzat mill-partijiet u konsegwentement qed tichad din l-eccezzjoni preliminari;

Illi in oltre, ghandu jinghad a skans ta' ripetizzjoni li l-meritu sollevat f'din il-procedura gia gie deciz illum stess minn din il-qorti fil-kawza fl-ismijiet Ronnie Gauci vs Ray Camilleri u Philip Bowd – Avviz Numru 29/97SM u konsegwentement tichad it-talba attrici bl-ispejjez."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta' attrici bl-aggravju illi r-rizultanzi f'din l-istanza kellhom jinducu lill-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni kif bazata fuq il-motivazzjoni minnha dedotta fil-kawza l-ohra per Avviz Numru 29/97, u fejn allura l-provi rakkolti kienu jghoddu ghaz-zewg proceduri.

Dan l-aggravju hu ben fondat, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Gjaladarba l-Qorti ta' l-ewwel grad iddisponiet illi biex tevita ripetizzjoni kienet qed tikkonsidra l-meritu tal-kawza l-ohra, ma kelliex, imbaghad, tichad it-talba attrici f'din l-istanza. Dan hu hekk ovvju ghall-fatt illi fil-kawza l-ohra proposta mill-kjamat in kawza odjern kontra l-attur nomine u l-konvenut l-iehor Philip Bowd dik l-istess Qorti kienet hemm ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-motivazzjoni li l-origini tal-vertenza kien il-kejl zbaljat tal-konvenut Bowd. Effettivament fil-kawza l-ohra kien biss dan il-konvenut li gie ikkundannat ihallas lill-attur Ronnie Gauci l-ammont minnu domandat ghall-hlas tas-sub-appalt.

B'dawk l-istess provi u motivazzjoni l-ewwel Qorti kellha b'koerenza guridika ssegwi l-istess logika wkoll f'din is-sentenza appellata.

Irrizulta li d-decizjoni moghtija fil-kawza l-ohra fl-ismijiet "Ronnie Gauci –vs- Ray Camilleri u Philip Bowd" ma gietx appellata u ghalhekk dik issa ghaddiet in gudikat.

Dan ma jfisserx pero' li dina l-Qorti hi marbuta bilfors mal-konsiderandi u motivi dedotti f'dik is-sentenza, anke ghaliex minn certu punto di vista din il-kawza ghandha meritu alkwantu distint mill-ohra.

Ikun forsi opportun qabel kull konsiderazzjoni ta' dritt illi l-fatti f'din il-kawza jigu brevament sintetizzati:-

(i) Is-socjeta' attrici giet kommissjonata biex tforni u tqieghed granit u rham fis-showroom tal-Universal Motors f'Hal-Qormi.

(ii) Din is-socjeta' issubappaltat ix-xoghol lill-konvenut Philip Bowd li minn naha tieghu issubappalta lil kjamat in kawza Ronnie Gauci. Skond ix-xhud Ray Camilleri l-konvenut Bowd assigurah li l-konvenut l-iehor jaf jahdem u hu jidhol garanti ghax-xoghol (fol 16).

(iii) Il-kejl ittiehed mill-konvenut Bowd, kif ex konfessis jaccetta. Pero hu jghid ukoll illi "*the rest of the measurements were taken by Gauci*" (fol 50). Dan hu konfermat ukoll mill-attur nomine (fol 44). Is-socjeta' attrici pprocediet ghal qtugh tal-materjal li kellu jigi uzat ghab-bazi tal-misurazzjonijiet mehuda. F'dan il-kuntest il-kjamat in kawza jghid li mill-bidunett li beda jqieghed ix-xoghol innota li l-kejl kien zbaljat billi l-hajt kien imxattar. Ghalhekk attira l-attenzjoni ta' l-attur nomine u tal-konvenut l-iehor ghal dan il-fatt pero' Bowd qallu biex ikompli (fol 53). Ray Camilleri jghid li lilu qalulu fl-ahhar tax-xoghol li l-kejl kien erroneu (fol 18).

(iv) Ezegwiti x-xoghlijiet dawn ma ntoghgbux mill-proprjetarju tax-showroom. Is-socjeta' attrici qablet mieghu. Tqabbad il-Perit Renato Laferla biex ihejji

rapport (fol 23) u saret insistenza mal-konvenut Bowd biex hu jew Gauci jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali necessitati minhabba d-difett fil-lavorazzjoni. Billi dawn baqghu ma ghamlu xejn tqabbdet terza persuna.

(v) L-ispiza involuta biex ix-xoghol jinbidel u jigi repristinat b'xoghol gdid lahqet disa' mija u tnax il-Lira Maltija (Lm912) (fol 46). Pero' l-attur nomine illimita l-pretensjoni tieghu ghad-danni fl-ammont ta' seba' mitt Lira Maltija (Lm700).

(vi) Il-konvenut Bowd jammetti li kemm hu kif ukoll il-kjamat in kawza kienu responsabbli. Jistqarr ukoll illi ghalkemm Gauci kellu esperjenza f'dan ix-xoghol, "*I think he needed a little more experience. It was hard to find marble layers*".

Quddiem din il-konfessjoni lampanti kellu jkun bil-wisq indikattiv ghall-ewwel Qorti illi t-talba ghad-danni ma kelliex hekk leggerment tigi michuda. Maghrufa l-fatti u in partikolari li x-xoghol ezegwit kien sar hazin u kienu mehtiega rimedji, l-Qorti kellha tindirizza l-isforzi taghha biex, una volta accertata l-htija, tistabilixxi minn mill-konvenut jew l-imsejjah fil-kawza kien responsabbli.

Fil-fehma ta' din il-Qorti kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat in kawza huma responsabbli ghalkemm fi proporzjon dizugwali.

Bhala s-sub-appaltatur principali certament il-konvenut Philip Bowd kellu l-obbligu li jassikura adempiment shih tal-kontrattazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici u li jaccerta ruhu li l-ezekuzzjoni tkun skond l-istandard u l-prattika accettata f'xoghlijiet konsimili. Kien hu li kejjel b'mod generali x-xoghol li kellu jsir u kien hu li nkariga lill-kjamat in kawza bhala sub-appaltatur, allavolja kien hekk donnu konxju li dan ma kellux dik l-esperjenza approfondita f'dan il-generu ta' xoghol. Ma hijiex skuzanti l-istqarrija dwar id-diffikolta' li ssib 'marble layers'. Jekk dan kien hekk messu esegwixxa x-xoghol mill-ewwel hu u mhux halla f'idejn haddiehor ghax kien f'dak il-mument impenjat f'lavorazzjoni ohra. Id-dmir primarju tieghu, la accetta l-

appalt, kien mas-socjeta’ attrici. Ghal fatt imbaghad ta’ mizurazzjonijiet zbaljati, fuq il-bazi ta’ l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili hu ghandu jitqies fi htija talli f’ghemilu ma uzax il-galbu u d-diligenza tal-bonus pater familias. Multo magis imbaghad, meta baqa’ inattiv u ma ghamel xejn nonostante li ingibditlu l-attenzjoni mill-kjamat in kawza li l-kejl kien zbaljat.

Kwantu ghal kjamat in kawza jirrizulta li dan ukoll ha xi qisien f’xi stadju tax-xoghol u dan allavolja kien gja’ konsapevoli illi l-kejl tal-konvenut kien hazin. Inoltre xejn ma jiswilu illi hu issokta bix-xoghol ghax hekk qallu jaghmel il-konvenut u dan allavolja kien konsapevoli mill-bidunett li l-kejl kien zbaljat. Dan kif hu stess jikkoncedi li kien il-kaz.

F’sitwazzjonijiet konsimili l-Qrati taghna jaghtu risalt lil dawn l-osservazzjonijiet:-

i. “*E dovere dell’appaltatore di resistere gli ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contraria alle buone regole dell’arte*” – “**<u>Nicola Vella –vs- Luigi Agius</u>**”, Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, 7 ta’ April 1923;

ii. “*L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli secondo i dettami dell’arte sua, e deve almeno prestare una capacita` ordinaria*” – “**<u>Carmelo Scicluna –vs- Giuseppe Mallia et noe</u>**”, Appell Civili, 31 ta’ Mejju 1929;

iii. “*L-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. <u>F’kaz bhal dan ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru l-quddiem</u>.*” - “**<u>Mario Blackman –vs- Carmelo Farrugia et noe</u>**, App Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972.

In linea ta’ principju ghalhekk ma jistax ikun dubitat illi kull min hu danneggjat bil-fatt doluz jew kolpuz ta’ haddiehor ghandu azzjoni ghad-danni. Kif manifest supra kemm il-

konvenut kif ukoll il-kjamat in kawza naqsu mid-dover taghhom. Min mod, min iehor.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-konvenut ghandu jerfa' tliet kwarti tar-responsabilita' bil-kwart l-iehor ikun sopportat mill-imsejjah in kawza.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta' attrici u filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata, tikkundanna lill-konvenut Philip Bowd ihallas lis-socjeta' attrici tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) tas-somma ta' seba' mitt Lira Maltija (Lm700) reklamat in linea ta' danni mentri l-kwart ($^{1}/_{4}$) rimanenti tal-istess somma jkun a kariku tal-kjamat in kawza Ronnie Gauci.

L-ispejjez taz-zewg istanzi huma a kariku tal-konvenut u tal-kjamat in kawza fl-istess proporzjoni li biha gew dikjarati responsabbli.

--------------------------------TMIEM--------------------------------